**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Ġunju 2016 – Convivo vs EUIPO – Porcesadora Nacional de Alimentos (M'Cooky)**

**(Kawża T-288/16)**

(2016/C 260/63)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Convivo GmbH (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentant: C. Düchs, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Porcesadora Nacional de Alimentos C.A. Pronaca (Quito, l-Ekwador)

## Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem il-EUIPO

*Proprjetarju tat-trade mark ikkontestata:* ir-rikorrenti

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-trade mark verbali "M'Cooky" – Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 075 242 li tindika l-Unjoni Ewropea

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tas-7 ta' Marzu 2016, fil-Każ R 1039/2015-2

## Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti fil-proċedura preżenti, inklużi dowk sostnuti matul il-proċedimenti ta' appell u ta' oppożizzjoni;

— tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti intervenjenti jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

## Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.